*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

Il-Tlieta 18 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier (virtwalment)
Ismael Dalli – Kunsillier (virtwalment)
Anabelle Marmara' – Kunsillier (virtwalment)

SKUZAT:
Christian Pace – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



E J.A.G

| | |
|---|---|
| **26.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 26.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sur Christian Pace jinsab ma jiflahx ghaldaqstant mhux se jkun qed jattendi ghall-laqgha. Filwaqt lis-Sur Debattista, is-Sa Anabelle Marmara u s-Sur Ismael Dalli talbu sabiex jattendu ghall-laqgha b'mod virtwali. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **26.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 26.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 24, flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali 2021, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 26.2.2 | Is-Sur Neil Portelli ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 24, flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali 2021 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **26.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 26.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ngabru l-kwotazzjonijiet ghall-manutenzjoni tal-gonna u l- *Contracts Manager* u sar Kuntratt ta' sena. |
| 26.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li d- *Data Protection Officer* il-gdid imqabbad mir-Regjun gie nfurmat li l-Kunsill se jibda jinqeda bis-servizz taghhom meta jkullu bzonn. |
| 25.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fir-rigward tal-*Memorandum Of Understanding* (MOU), bejn il-LESA u l-Kunsill Lokali attenda laqgha flikien mal-Ministru Byron Camilleri, l-organizzazjonijiet volontarji tal-lokalita' u l-Kunsillier s-Sur Christian Pace fejn il-Ministru nforma formalment bl-ghotja ta' finanzi lill-organizzazjonijet. |
| 26.3.4 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jingabru l-kwotazzjonijiet u jsiru zewg kuntratti ta' sena, wiehed ghall-*Water Bowser* sabiex jissaqqu l-gonna matul is-sena u iehor ghat-tebelli, sinjali u materjal iehor tat-traffiku. Wara diskussjoni liebra u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li jsiru zewg kuntratti ta' sena ghaz-zewg materji li semma s-Sindku. |



J.AG

| | |
|---|---|
| 26.3.5 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li fid-29 ta' Gunju 2021 huwa Jum Ħal Tarxien b'hekk ippropona li ssir quddiesa u li Jum Ħal Tarxien jigi ccelebrat fis-27 ta Gunju sabiex ikun il-Ħadd. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera jekk ghandhomx jinghataw ukoll xi *tokens* bhala rikonoxximenti.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li jinghataw *tokens* lill-ghaqdiet kollha tal-lokalita' bhal apprezzament tal-hidma li jaghmlu. |
| 26.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ghada flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista se jiltaqgha mal-Perit li qed jaghmel il-pjanta proposta ghall-binja l-gdida tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li malli tkun lesta l-pjanta se tigi diskussa waqt laqgha tal-Kunsill ghall-opinjoni u suggeriment ta' kulhadd. |
| **26.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 26.4.1 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa "Nixtieq insaqsi jew inwassal li ġo Triq Palma, kantuniera mat-Triq tal-Barrani quddiem id-Dar tal-Anzjani Maria Annunzjata, hemm binja u għandha grada kbira tal-ħadid li qiegħda ta' periklu għal kull min jgħaddi min hemm, ritratt mehmuż."<br><br>Is-Sindku wiegeb li l-problema tal-grada giet solvuta permezz l-ghajnuna tal-*Community Police*. |
| 26.4.2 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa " Nixtieq insaqsi jew inwassal li quddiem id-Dar tal-Anzjani Maria Annunzjata ġo Triq Palma, hemm il-bankina li għalkemm saret ġdida qiegħda ta' periklu għall-mod kif saret, ritratt mehmuż."<br><br>Is-Sindku wiegeb li se tinzamm laqgha flimkien mal-propjetarju tal-binja u l-Perit sabiex tigi diskussa l-materja u titranga l-bankina. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex qabel ma jigu rilaxxati l-Bank Guarantees li jircievi l-Kunsill rigward infrastruttura, dawn ikunu verifikati minn Perit li huwa persuna professjonali. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jqabbad Perit sabiex jivverifika x-xogholijiet. |
| 26.4.3 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa"Nixtieq insaqsi biex nara jekk il-Perit għamilx il-Pjanta u kemm tiġi tiswa l-binja li jien proponejt fejn hemm il-Berġa, il-Ground, il-Garage eċċ. Ħalli xi darba il-kunsill f'isem Ħal Tarxien ikollu xi ħaġa li tixraqlu".<br><br>Is-Sindku wiegeb li kif diga' nform l-Kunsill ghada se tinzamm laqgha fil-11am f' dan ir-rigward. |



MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT
COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA
EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA

| | |
|---|---|
| 26.4.4 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa"Nixtieq insaqsi fuq il-Bus Shelters fhiex wasalna".<br><br>Il-Vici Sindku wiegebet li vverifikat mal-FACES u giet infurmata li ghadu ghaddej il-process l-Awtorita tal-Ippjanar. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jzomm laqgha ma' FACES f ' dan ir-rigward. |
| **26.5** | **Rapporti** |
| 26.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-*Querterly Financial Report* li jkopri minn Jannar 2021 sa Marzu 2021. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera ir-rapport gie approvat kifipprezentat. |
| 26.5.2 | Permezz ta' korrispondenza datata 17 ta' Mejju 2021 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill gie nfurmat li harget sejha pubblika ghall-polza tal-assigurazzjoni ghall-membri eletti sakemm ikunu fil-kariga. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie konfermat li kif diga fthemu verbalment isir il-hlas minn naha tal-Kunsill bir-rata nnegozjata. |
| 26.5.3 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa f'hiex waslu l-installazzjonijiet tal-Bus Shelters li ppropona l-Kunsill. Il-Vici Sindku infurmat lill-Kunsill li mill-ahhar informazzjoni li kellha l-applikazzjoni ghall-dawn il-Bus Shelters kienu ddahlu l-Awtorita tal-Ippjanar. Wara diskussjoni libera u vot unanimu gie deciz li l-Kunsill ghandu jivverifika ma' FACES sabiex jara fejn wasal il-process. |
| 26.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-MUESAC qed tahdem fuq l-applikazzjoni tat-tieni sejha tan-*Norway Grants.* Is-Sindku ppropona li jinbidlu l-bandli tal-gnien, jitrangaw il-*kerbs* tal-bankina tas-sigar u jinxtara palk sabiex il-Kunsill ikun jista jorganizza attivitajiet ghar-residenti. Is-Sindku spjega wkoll li saru tahdidiet ma' NGOs fejn offrew is-servizz taghhom fil-lokalita sabiex jassistu lir-residenti fi bzonnijiet differenti. Is-Sindku qal li hu tal-idea li dawn it-tahdidiet jinzammu darba f'xahar sabiex il-Kunsill ikun aktar qrib in-nies. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jipproponi l-progett kif propost mis-Sindku. |
| **26.6** | **Mozzjonijiet** |
| 26.6.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| **26.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 26.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li sar l-opening tat-Tender tar-*Reach Out Centre-Community Hall*, u qed issir l-evalwazzjoni tieghu. |
| **26.8** | **Vakanza ta' *Local Council Assistant*** |
| 26.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kelmu lill-wiehed mill-impjegati mhabba l-*performance* tieghu u dan ta' r-rizenja ghax qal li ddejjaq u jrid ibiddel ix-xoghol. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinhareg vakanza ghall-assistent tal-Kunsill Lokali fi skala 16. Is-Sindku spjega li din il-vakanza hija mportanti specjalment li issa se jiftah ir- *Reach Out Centre-Community Hall.* Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill ghandu bizzejjed fondi ghal din il-vakanza u l-hrug mill-allokazzjoni se jibqgha l-istess ghax il-vakanza se tkun sostituzzjoni ta' mpjieg tal-persuna li se jirrezenja. Is-Sindku talab li jekk ikun hemm qbil jigi mahtur mill-ewwel il-bord tas-selezzjoni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera sar qbil li l-vakanza ghandha tohrog mill-aktar fis u ghandu jinhatar bord. |
| **26.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 26.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 22/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' April/Mejju 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 26.9.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat mis-Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **26.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 26.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.35p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il- Ħamis 17 ta' Gunju 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 18 ta' Mejju 2021.

Joseh Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv